MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 273/2013

Rikors Guramentat Nru. 273 / 13RGM

Kawza fil-lista: 40

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici[1] li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi l-partijiet kienu jikkonvivu u mir-relazzjoni taghhom kellhom il-minuri Chenise li twieldet fis-7 ta' Novembru 2009.

2. Illi bejn il-kontendenti qamu diversi kwistjonijiet u kien hemm il-medjazzjoni 83/12. Illi minkejja li hija kienet cediet tali medjazzjoni fir-Registru fid-9 ta' Mejju 2012, l-istess C D ghamel rikors biex jottjeni manteniment minghandha u zamm lit-tifla ghandu.

3. Illi l-esponenti fethet medjazzjoni ohra li ggib in-numru 735/13 fejn hija talbet li jigu kkunsidrati l-kwistjonijiet kollha tal-kura u l-kustodja, manteniment u access tal-minuri kif ukoll it-thassir ta' kull digriet precedenti.

4. Illi minkejja dan kollu u diversi rikorsi, kollox baqa' fis-sehh ghalkemm kontra l-ligi.

5. Illi huwa fl-interess tal-minuri ghal diversi ragunijiet illi l-istess minuri tkun taht il-kura u l-kustodja tal-omm illi sahansitra lesta li titlaq mix-xoghol taghha biex tista' taghti attenzjoni lit-tifla. It-tifla anke kellha swat u tbengil u l-istess minuri tispjegahom kif saru.

6. Illi l-attenzjoni tal-omm hija ghal tifla ta' eta' zghira daqstant hija necessarja. Illi l-esponenti wara l-esperjenzi li kellha, m'ghandha l-ebda relazzjoni u qeghda tghix mat-tifel miz-zwieg filwaqt illi l-konvenut ghandu diversi relazzjonijiet u jitlaq lit-tifla man-nanniet paterni.

7. Illi fl-ahjar interess tal-minuri kellha ssir din il-kawza.

Kawzali

1. Peress illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Chenise D mitwielda mir-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut fis-7 ta' Novembru 2009, li l-istess minuri tirrisjedi m'ommha u tkun taht il-kura u l-kustodja taghha filwaqt li l-missier ikollu access regolat.

2. Peress illi l-minuri ghandha dritt tal-alimenti minghand missierha.

[1] Fol. 1

3. Peress illi d-digrieti li nghataw wara li giet ceduta l-medjazzjoni 83/12 mill-istess attrici huma nulli, ab initio u bla effett, stante illi t-talbiet saru meta ma kien hemm l-ebda medjazzjoni pendenti quddiem il-Qorti.

Talbiet

Jghid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi d-digrieti moghtija fil-medjazzjoni 83/12, stante li kienet ceduta mill-attrici fir-Registru, u saru sussegwentement ghal tali gheluq, huma nulli u bla effett, ab initio skont il-ligi.

2. Fl-ahjar interess tal-minuri tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Chenise D tigi fdata lill-omm kif ukoll li tirrisjedi maghha u jigi ffissat access adegwat ghall-konvenut dwar l-istess minuri.

3. Tiffissa retta alimentaria u modalitajiet ta' hlas tal-istess retta alimentaria ghall-minuri u li tithallas lill-omm.

4. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut[2] fejn issottometta dan li gej:-

"1. Preliminarjament, illi t-talba mressqa mill-attrici hija nulla ai termini tal-Artikolu 789(l)(c) u dana stante illi hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-Ligi u peress li jonqos l-avviz hekk kif mitlub fl-Artikolu 156(l)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-tieni u t-tielet taiba mressqa mill-attrici huma inamissibli mill-ligi u dana stante li:

(i) Illi l-ligi hija tassattiva u tipprovdi, senjatament skont ir-Regolament 9[l][c] tal-Avviz Legali 397/2003 li l-parti ghandha "tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x' inhi t-talba taghha." Illi din il-kawza hija msejjsa fuq dak li talbet l-attrici fl-ittra taghha datata l-erba' (4) ta' Gunju, 2013 u ghalhekk kif anki dejjem rriteniet din l-Onorabbli Qorti, anki fil-

[2] Fol. 12

kawza fl-ismijiet A B vs. C B (Rikors Mahluf bin-numru 501/2007NC deciza fis-7 ta' Dicembru 2010 'Ir-ratio legis to' din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas to' provi li juru l- kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b' mod generali bhala wahda ta' firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, ..... (ommisis) .... u /-medjazzjoni tkun ingha/qet minghajr success u /-parti tkun al/ura giet awtorizzata' tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.'

(ii) Illi ghalhekk dawn it-talbiet attrici ghandhom jigi michudha fuq bazi ta' din l-eccezzjoni preliminari stante li l-attrici fl-ittra tal-medjazzjoni generikament ddikjarat illi l-istess medjazzjoni kienet ntavolata stante li 'l-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet ma gewx rizolti dwar il-minuri'.

3, Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Illi l-premessi ta' l-attici huma msejjsa fuq gideb sfaxxat u l-esponenti jichad bil-qawwa l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu fejn intqal illi huwa ghandu diversi relazzjonijiet u jitlaq lit-tifla man-nanniet paterni.

(ii) Illi l-premessi ta' l-attrici juru l-karattru ta' l-attrici li hija ntiza biss sabiex timpika ma' l-esponenti bhalma ilha taghmel ghall dawn l-ahhar snin.

4. Illi dwar l-ewwel talba, l-konvenut jikkontendi illi din ghandha tigi michuda stante illi d-digrieti moghtija mill-Onorabbli Qorti huma validi u dana ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Illi l-ligi hija tassattiva u tipprovdi, senjatament skont ir-Regolament 9[6] tal-Avviz Legali 397/2003 li "Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug ta' kull ordni provvizorju jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha." Illi l-konvenut jirrileva illi fil-procedura ta' dina l-Onorabbli Qorti Sezzjoni tal-Familja, l-medjazzjoni tigi ddikjarata maghluqa mill-Onor.

Mhallef li jkun gie assenjat tali medjazzjoni u mhux b'nota ta' min jkun talab ghal tali medjazzjoni.

(ii)Illi senjatament fil-kaz in kwistjoni, l-medjatur Godwin Genovese pprezenta nota lil Onor. Mhallef Robert Mangion nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t' April, 2013 li permezz taghha nforma lil Qorti li l-partijiet ma lahqux ftehim u kien fit-tlieta u ghoxrin (23) t' April, 2013 li l-istess medjazzjoni li ggib in-numru 83/12 giet ddikjarata maghluqa u ghaldaqstant kwalsiasi digriet li inghata qabel din id-data ghandu jitqies bhala validu.

5. Illi dwar it-tieni talba u konsegwentement t-tielet talba, l-konvenut jikkontendi li din ghandha tigi michudha u dana stante li ma huwiex fl-interess tal-minuri li tkun affidata fil-kura ta' l-attrici u dana specjalment meta wiehed jikkunsidra illi kienet l-istess attrici illi bi ftehim ma' l-esponenti illi ddecidiet li ma kelliex hin biex izomm lil minuri Shanice D minhabba x-xoghol taghha. Fil- att il-ftehim preciz kien illi l-esponenti jzomm lil minuri matul il-gimgha u l-attrici jkollha access ghall-minuri bejn il-Gimgha il-Hadd. Illi din it-talba ghandha tigi michuda ukoll stante li l-attrici ma hijiex il-persuna idonea sabiex jiehu hsieb it-tifla. Illi inoltre, l-esponenti ghandu riservi kbar dwar il-perikolu li tista' tkun esposta ghalih il-minuri jekk tkun fil-prezenza mhux supervizjonatha ta' huwha. Dan qed jghidu b'responsabbilita' kbira peress li fiz-zmien meta kien ghadu fir-relazzjoni mar-rikorrenti, it-tifel taghha gie akkuzat minn terzi li miss tewmin bniet sentejn izghar minnu. Dan apparti incidenti fejn l-istess tifel refa' idu fuq il-minuri Shanice;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attrici."

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.[3]

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza limitatament dwar l-ewwel talba attrici.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat.

[3] Fol. 22

**L-Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-ewwel talba attrici il-Qorti qed tigi mitluba tiddikjara illi d-digrieti moghtija fl-atti tal-medjazzjoni numru 83/12 huma nulli u bla effett *ab initio* peress li inghataw wara li l-attrici kienet cediet fir-registru l-atti tal-medjazzjoni imsemmija.

Il-konvenut qed jilqa' ghal din it-talba permezz tar-raba' eccezzjoni tieghu fejn jeccepixxi illi d-digrieti moghtija huma validi u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1) Illi l-ligi hija tassattiva u tipprovdi, senjatament skont ir-Regolament 9[6] tal-Avviz Legali 397/2003 li "Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug ta' kull ordni provvizorju jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha." Illi l-konvenut jirrileva illi fil-procedura ta' dina l-Onorabbli Qorti Sezzjoni tal-Familja, l-medjazzjoni tigi ddikjarata maghluqa mill-Onor. Mhallef li jkun gie assenjat tali medjazzjoni u mhux b'nota ta' min jkun talab ghal tali medjazzjoni.

2) Illi senjatament fil-kaz in kwistjoni, l-medjatur Godwin Genovese pprezenta nota nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t' April, 2013 li permezz taghha nforma lill-Qorti li l-partijiet ma lahqux ftehim u kien fit-tlieta u ghoxrin (23) t' April, 2013 li l-istess medjazzjoni li ggib in-numru 83/12 giet ddikjarata maghluqa u ghaldaqstant kwalsiasi digriet li inghata qabel din id-data ghandu jitqies bhala validu.

Ikkonsidrat;

Mill-atti jirrizulta illi b'ittra prezentata fl-20 ta' Jannar 2012 A B kienet talbet li jigi nominat medjatur tal-familja peress li xtaqet tipprocedi biex titlob il-kura u kustodja u manteniment ghall-minuri Shanice D. B'digriet tat-23 ta' Jananr 2012 il-Qorti innominat medjatur tal-familja. Kontestwalment mal-ittra, r-rikorrenti prezentat rikors ghall-kura u kustodja tal-minuri li gie michud minn din il-Qorti diversament preseduta u minflok b'digriet tal-15 ta' Frar 2012 inghatat access ghall-minuri mill-Gimgha fil-5.00 p.m. sal-Hadd fil-5.00 p.m. Inzammu seduti ta' medjazzjoni sakemm fid-9 ta' Mejju 2012 A B pprezentat nota fl-atti tal-medjazzjoni numru 83/2012 li permezz taghha iddikjarat li "qeghda tirtira l-atti ta' din il-medjazzjoni". Fid-9 ta' Lulju 2012 C D ipprezenta fl-atti ta' dik il-medjazzjoni rikors fejn talab li A B tigi kkundannata thallsu manteniment fil-konfront tal-minuri oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. A B ipprezentat risposta fl-14 ta' Awissu 2012 u b'digriet tal-20 ta'

Awissu 2012 din il-Qorti diversament preseduta ordnat lil A B thallas lil C D is-somma ta' €150.00 kull erba' gimgha bhala manteniment ghall-minuri. Fit-12 ta' Frar 2013 A Bipprezentat rikors f'dawk l-atti ta' medjazzjoni fejn talbet ir-revoka tad-digriet li ordnalha thallas manteniment liema rikors gie michud b'digriet tal-21 ta' April 2013. Fit-22 ta' April 2013 il-Medjatur tal-Familja ipprezenta nota li biha informa lill-Qorti "illi wara diversi seduti ta' medjazzjoni mhux se jkun possibbli li l-process ta' medjazzjoni jitkompla minhabba differenzi irrikonciljabbli. Ghalhekk nitlob lill-Qorti sabiex din il-medjazzjoni tinghalaq". B'digriet tat-23 ta' April 2013 il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b'kawza fit-termini mposti mil-ligi.

Fl-4 ta' Gunju 2013 A B ipprezentat ittra ghall-proceduri ta' medjazzjoni godda (nru 735/13) fejn talbet li tigi awtorizzata tipprocedi b'kawza sabiex titlob dikjarazzjoni li d-digrieti moghtija fl-atti tal-medjazzjoni numru 83/2012 wara d-9 ta' Mejju 2012, meta A B cediet dik il-medjazzjoni, huma nulli u bla effett.

Fis-16 ta' Lulju 2013 A B ipprezentat rikors fl-atti ta' medjazzjoni numru 83/2012 fejn talbet li d-digrieti provvizorji kollha li inghataw qabel it-23 ta' April 2013 jigu revokati u annullati peress li C D ma pprezentax kawza u t-terminu ta' xahrejn kien skada. L-imsemmi rikors gie michud minn din il-Qorti diversament preseduta b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2013.

Fid-29 ta' Ottubru 2013 il-medjatur tal-familja ipprezenta nota li permezz taghha talab li l-Qorti taghlaq il-process ta' medjazzjoni fuq il-pretest li bejn il-partijiet kien hemm "differenzi irrikonciljabbli". B'digriet moghti fl-1 ta' Novembru 2013 medjazzjoni numru 735/13 giet dikjarata maghluqa u inghatat l-awtorizzazzjoni biex issir il-kawza li eventwalment l-attrici pprezentat fid-19 ta' Dicembru 2013.

**Qafas Legali**.

Permezz tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003 gew promulgati r-Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Permezz ta' dawn ir-regolamenti giet introdotta l-htiega li fuq certu kwistjonijiet jehtieg li qabel ma wiehed jipprocedi b'kawza quddiem il-Qorti tal-Familja, l-Qorti tinnomina medjatur tal-familja bl-iskop li l-partijiet jigu assistiti jilhqu ftehim minflok

jipprocedu gudizzjarjment. Regolament numru 9 jistipula illi qabel ma wiehed jipprocedi b'kawza dwar kwistjoni rigwardanti kura u kustodja, access jew manteniment ta' minuri anke bejn zewg genituri mhux mizzewga, jehtieg li qabel xejn tigi prezentata ittra minn xi hadd mill-genituri fir-registru tal-Qorti tal-Familja. Prezentata tali ittra, il-Qorti "ghandha ssejjah lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur" bl-iskop li jimmedja bejniethom u jassistihom jilhqu ftehim**.**

**Regolament 9** sub-regolamenti 5 u 6 jipprovdu illi:

***"(5) Meta l-partijiet ma jaslux ghal ftehim, il-medjatur ghandu jinforma lill-Qorti b'dan***.

.

***(6) Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug ta' kull ordni provvizorju jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha".***

**Regolament 10 sub-regolament 1** jipprovdi illi ***"(1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process ta' medjazzjoni taht ir-regolamenti precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perijodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi".***

**Konsiderazzjonijiet.**

Ir-regolamenti in dizamina jipprovdu b'mod dettaljat il-process ta' medjazzjoni u dan primarjament permezz ta' Regolament numru 4 li huwa intiz sabiex jirregola kwistjonijiet fl-ambitu ta' separazzjoni personali jew divorzju bejn konjugi. Regolament numru 9 imbaghad iwessa l-applikabilita' tal-process ta' medjazzjoni ghal aktar kwistjonijiet fosthom dawk bejn zewg genituri mhux mizzewga fir-rigward ta' kura, kustodja, access u manteniment ta' minuri. Jispecifika Regolament numru 9 illi dak minnu stipulat huwa minghajr pregudizzju ghal Regolamenti minn numru 4 san-numru 7.

Huwa principju ta' dritt kostantement segwit mill-Qrati taghna illi: Ubi Lex Voluit Dixit.

*"Illi huwa principju baziku li l-ebda kliem fil-ligi ma ghandu jigi skartat, u dan billi ghandu jigi prezunt li l-kliem uzat fil-ligi jirrifletti l-intenzjoni tal-legislatur; Illi dan isegwi l-***Adrian Delia noe vs European Insurance Group Limited** : 04.02.2013)

*"Issa li kieku l-legislatur ried jipprovdi xort' ohra dan seta' jaghmlu liberament imma ma ghamlux – u allura ghandu kwindi japplika u jregi l-principju li ubi lex voluit dixit."* (Qorti Kostituzzjoniali: **AIC Joseph Barbara et vs Onor. Prim' Ministru :** 17.10.2007) (Ara wkoll: Qorti tal-Appell: **Frank Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** : 28.09.2012; Qorti tal-Appell: **Jean Pierre sive Jean D vs Nicole D** : 30.11.2012; Prim' Awla: **Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi**)

Gie wkoll deciz illi l-interpretazzjoni tal-ligijiet ghandha dejjem tkun marbuta mal-finalita' taghha. "M'ghandiex tigi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li taghti lok ghall-vessazzjoni bla raguni b'applikazzjoni letterali li qatt ma setghat kienet fil-hsieb tal-legislatur." ( Prim' Awla - **Carmel Zammit vs Anthony Sultana** – 31.01.1994)

Regola ohra segwita mill-Qrati fl-ambitu ta' interpretazzjoni ta' ligijiet hi illi:

"Kwantu ghall-valur tal-konswetudini bhala element interpretattiv tal-ligi, din hi massima komuni, minn zminijiet antiki ripetutament espressa minn awturi u gudikanti; s'intendi, meta l-ligi toffri xi dubju; ghaliex meta l-kliem tal-ligi jkunu cari ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni u ghar-rikors ghall-konswetudini; s'intendi wkoll li din l-osservanza jew konswetudini ikun mhux xi att izolat, imma ghal zmien diskretament twil li fih tigi ripetuta, u li tkun univoka, u li tkun "rite probata". (Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri – **Albert Mizzi noe. Vs Anthony Camilleri noe**. – 03.06.1961).

Ikkunsidrat;

L-attrici qed issostni illi l-Legislatur ma halliex f'idejn il-Qorti l-fakolta' li tiddeciedi l-gheluq tal-proceduri ta' medjazzjoni. Tissottometti l-attrici illi kull min bil-mezz ta' ittra jaghti bidu ghall-proceduri ta' medjazzjoni ghandu d-dritt illi x'hin irid iwaqqaf tali proceduri billi

jipprezenta nota ta' cessjoni. L-attrici tirreferi b'mod partikolari ghal Regolament numru 10 u ssostni illi: "Il-funzjoni tal-Qorti huwa biss li taghti l-permess **a procedere**…….Jekk parti tkun ghalqet hi stess il-medjazzjoni, skond ir-regoli tac-cessjoni hawn fuq imsemmija, allura l-Qorti ma tistax tigi msejha biex tawtorizza oltre." Tissottometti inoltre illi mkien il-ligi ma taghti l-fakolta' lill-Qorti li taghlaq process ta' medjazzjoni.

L-attrici tqis illi ghall-process ta' medjazzjoni japplikaw id-disposizzjonijiet applikabbli ghall-kawzi b'mod partikolari l-artkoli 180, 906, 907 u 963 tal-Kap. 12.

Fil-fehma tal-Qorti l-artikoli citati mill-attrici ma humiex applikabbli ghall-process ta' medjazzjoni in kwantu dawk l-artikoli jirreferu espressivament ghall-kawzi sew fil-prim' istanza u sew fl-istadju tal-appell. Huwa ovvju li l-process ta' medjazzjoni, process intiz sabiex fejn possibbli jigi evitat li l-litigju jfur lejn il-gudizzarju, ma hux kawza. Ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi l-artikoli 180, 906, 907 u 963 citati mill-attrici ma humiex applikabbli ghall-process ta' medjazzjoni regolat permezz tal-ligi sussidjarja 12.20.

Tissottometti l-attrici fin-nota taghha illi: "Allahares ma kienx possibbli li parti fi kwestjoni quddiem Qorti tal-Familja ma tistax iccedi l-atti. Meta zewg partijiet jirrikonciljaw, ma hemmx ghalfejn jibqa' [recte: jibqghu] quddiem il-medjatur biex jiddikjaraw li rrikonciljaw, imma parti tista' tmur u ccedi l-atti fir-registru. L-effett ikun l-istess. "

Il-Qorti, wara li ezaminat id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli, ma hiex tal-istess fehma. Mhux minnu li fi process ta' medjazzjoni parti wahda tista' tmur wahedha fir-registru u "ccedi l-atti" kif qed issostni l-attrici. Regolament 4 (8) tal-Ligi Sussidjarja 12.20 jipprovdi illi:

"*Meta l-medjatur jirnexxilu jirrikoncilja l-partijiet huwa ghandu jikteb nota li tkun tirregistra dan fl-inkartament tar-rikors, u jibghat dak l-inkartament lill-imhallef li ghandu jaghlaq il-proceduri.*"

Isegwi ghalhekk illi kuntrarju ghal dak sottomess mill-attrici, il-ligi tipprovdi specifikatament illi huwa moghti fil-poter tal-imhallef li jaghlaq il-proceduri ta'medjazzjoni u dan wara li jircevi komunikazzjoni formali minghand il-medjatur. Lanqas komunikazzjoni minn wiehed

mill-partijiet ma hi sufficjenti sabiex il-procedura ta’ medjazzjoni tinghalaq mill-Qorti. Jehtieg l-intervent tal-medjatur.

Isegwi ghalhekk illi anke f’kaz ta’ ftehim bejn il-partijiet partecipi fi process ta’ medjazzjoni, huwa l-medjatur li hu moghti l-kompitu esklussiv li jinforma lill-Qorti bir-rikonciljazzjoni u mhux il-partijiet. U hija l-Qorti li ghandha d-dritt esklussiv li tittermina l-proceduri ta’ medjazzjoni. Sakemm ma l-Qorti taghlaq il-proceduri ta’ medjazzjoni, tali proceduri jkunu ghadhom pendenti. Ghalhekk mhux korrett dak sottomess mill-attrici fit-tielet pagna tan-nota ta’ sottomissjonijiet taghha illi “Fir-regolamenti ma jinstabx dak li dahal li l-imhallef jaghlaq il-medjazzjoni.”

Regolament 4 (12) imbaghad jipprovdi illi f’kaz fejn il-partijiet ma jkunux lahqu ftehim il-medjatur ghandu jinforma bil-miktub lill-Qorti li min-naha taghha tikkoncedi l-awtorizzazzjoni mitluba. Huwa ghalhekk bid-digriet tal-awtorizzazzjoni *a procedere* li l-process ta’medjazzjoni jigi maghluq u dan peress li minn tali digriet jiskatta t-terminu ta’ xahrejn ghall-intavolar tal-kawza. Sakemm ma jinghatax id-digriet li jawtorizza li tigi istitwita l-kawza, l-process ta’ medjazzjoni ghadu formalment miftuh.

Regolament 9 (5) applikabbli ghall-medjazzjoni mertu tal-kawza odjerna jimponi fuq il-medjatur l-oneru li jinforma lill-Imhallef tal-Qorti tal-Familja illi ftehim ma ntahaqx. Imkien ma jinghad li l-parti ghandha l-fakolta li ccedi l-atti tal-medjazzjoni, kif insibu fil-provvedimenti legali li jirregolaw il-kawzi. Sussegwenti ghal tali nota tal-medjatur, hija l-Qorti li filwaqt li taghlaq il-proceduri ta’ medjazzjoni tawtorizza lill-partijiet jipprocedu b’kawza.

Regolament iehor li sahhah il-konvinciment tal-Qorti f’din id-decizzjoni huwa dak li jgib in-numru 9 (6) li jipprovdi illi matul il-medjazzjoni “kull wahda mill-partijiet” tista’ titlob il-hrug ta’ ordnijiet provvizorji, anke dik il-parti li ma tkunx pprezentat l-ittra inizjali. Ghalhekk, apparti li ma ssibx konfort fil-ligi, ma jkunx jaghmel sens illi z-zewg partijiet jistghu jitolbu l-hrug ta’ digrieti *pendente lite* izda xi hadd mill-partijiet ghandu jew ghandha dritt esklussiv li tittermina l-procedura ta’ medjazzjoni kif u meta trid. Isegwi ghalhekk illi fi procedura ta’ medjazzjoni m’ghandikx il-figura ta’ attur naha u l-konvenut in-naha l-ohra, izda iz-zewg partijiet ghandhom l-istess locus standi bid-dritt li jintavolaw atti kawtelatorji u bid-dritt li t-tnejn jigu awtorizzati li jipprocedu b’kawza, irrispettivament min minnhom ipprezenta l-ittra ghall-medjazzjoni. Difatti Regolament numru 10 jipprovdi illi wara li l-medjatur jinforma lill-

Qorti li l-partijiet ma lahqux ftehim, il-Qorti tawtorizza "lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn" u mhux biss lill-parti li tkun ipprezentat l-att promotur.

Ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi l-pretensjoni tal-attrici illi mal-prezentata tan-nota minnha msejha ta' cessjoni il-Qorti kienet prekluza milli taghti digrieti pendente lite m'ghandiex fondament legali.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi billi tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenut u tichad l-ewwel talba attrici, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fir-rigward tal-kumplament tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------